# Lilek

*Nulla est gens tam immansueta, neque tam fera, quae non, etiamsi ignoret qualem Deum haberi deceat, tamen habendum sciat.*

TULLIUS, "De legibus", L. I, c. 8.

FIL-HOLM ta' ġenni, fil-ġenn ta' ħajti, f'ħajjet imwieti; Fix-xejn ta' xejn li, kull ma jmur, jiġġedded kif tiġġedded ix-xtieli id f'id ma' tkattir il-għaġeb taż-żrieragħ;

Mitluf u mgħarraq kif sibt ruħi f'ibħra bla qiegħ u bla tarf li sejrin il-ħin kollu jitqallbu u jitbiddlu flimkien ma' l-isħra tal-ħolqien imgħawma bla ma taqa' fil-fieragħ;

Jien, li tnissilt minn min jaf nislu lil ta' qablu u dan lil ta' qabel qabilu sa mill-bidu tal-wisa' u taż-żmien;

Jien, iblah li jien, imkarkar u misjuq kif jien mill-ħalel ta' xmajjar dnubieti u ħtijieti,

Lilek — li Ismek, Tjubitek, Setagħtek tistqarrli kull ħliqa li tgħix, kull warda li tfewwaħ fil-ġonna, kull kewkba li tilma fin-nir ta' beraħ il-għoli:

Lilek — li Dehnek u Għerfek u Ġiehek, bi lsien skiet il-għaġeb, ixxandar u ssebbaħ u twettaq il-medda tas-sema, tal-baħar, ta' l-art:

Jien, agħar minn midbna, minn mintna, minn ħanex, li ġismi qabbartu lil ruħi bil-għajb,

Lilek — li Bik u li Fik qed nitgħajjex, li b'Nifsek nitniffes u b'Kelmtek inlissen u ntemtem kelmtejn —

Sa qabel ma nbżaqt minn ħdan ommi u wara, sal-lum, aktar, wisq aktar milli tgħoddli xagħar rasi,

Bi ħsiebi, bi kliemi, b'egħmili jien qerqni ħqart Lilek hekk kbir; jien traba rgħext Lilek hekk qawwi; jien bżieq kasbart Lilek li naf li f'qiegħ Idek jitgħarrmu bħal lewlu mitt elf univers!

Lilek! Imm'għala? Għala Lilek? Għaliex Lilek biss, Lilek dejjem,

Fil-ħolm ta' ġenni, fil-ġenn ta' ħajti, f'ħajjet imwieti,

Fittixt u sibt ma' min ninfexx, ma' min nitqabad, ma' min ninħela f'qil!et il-għawġ u n-niket, fil-faqar u fil-jasar li sfaw l-infern ta' għomri,

Jien li nħoss li ningħażel mill-bqija tal-ħlejjaq kollha kemm huma, li donnhom inħalqu u ssawru biex ġenna jkunuli tul jiemi?

Jien naħseb u nemmen li naf: timrah fejn timrah ħarsti tiltaqa' l-ħin kollu ma' Harstek u Fiha tistrieħ bħalkieku tarbija fil-ħoġor ta' ommha.

Bik jidher kullma jidher u Lilek jurj f'Dawlek il-għaġeb tal-ħolqien: dwal għajnejk ix-xemx fil-għodu u l-kwiekeb fil-ħemda tal-lejl; xuxtek dliel is-siġar; dirgħajk l-iġbiel u r-rwiefen; leħnek ħelu l-agħsafar.

Ġmielek jixhidli l-ward u qdusitek fwiħet kusu; tjubitek il-frott bnin li qatt ma jonqos f'newbtu; għaqlek is-serp u n-nemes; għerfek il-bniedem, in-nemla u l-għażżiela; li Int ta' dejjem l-iżmna, ix-xhur u s-snin.

U Lilek nisma' twegibni meta, mitluf waħdi fix-xagħri, leħni maħnuq u mbażża' jaħrabli minn qiegħ fommi u jtirli u bħal jindifen fi ħdan il-beraħ mingħajr qjies.

U Lilek inħoss qed tweżinni meta frak ġismi mtertaq ikun ta' sikwit ser jitfarfar u jaqa' kif jagħmel sew il-weraq fil-milja tal-ħarifa.

U Lilek nagħraf ma nafx kif, u Bik nemmen bla ma nifhmek, u Lilek waqtiet donni nasal sa nifhem — l-aktar meta xemx twennini tiġbrok fiċ-ċokon quddiem għajnejn dehni kif hi nfisha tingabar fi żġiega maħfuna f'subgħajja.

Għax tabilħaqq kollox jistqarr Saltnatek, kollox jaf qgħadu Lilek, kollox Dwarek jitħaddet bi lsienu jew bi skietu.

Tgħallimt waħdi li l-baħħ u x-xejn ħawlija: li 'l-maħluq kien hemm Min ħalqu: li kull ġens minn nislu u ġensu.

Lili nisslitni mara bis-sħana ta' min ħabbha, fil-waqt li jien f'uliedi xebhi u xebh ommhom nara.

Bi sħarijietu l-bniedem ħassel għaġeb minn ieħor: iżda b'għodod kesħin qatt ma sawwarli srabat ta' nemel bieżel jew tigri u ljunfanti.

Int biss stajt lissint Kelma: Int biss ridt tgħidha u għedtha: kellha tkun Hi biex darba twettaq il-bidu u seħħet il-milja tal-ħolqien.

U jekk kull ħliqa wieqfa jew tiċċaqlaq li kellha bidu riedet tkun, jien nifhem li Inti ma stajtx tkun fiż-żmien u l-wisa'.

Kieku kont dak li kienu ta' qabli, kont nista' nsejjaħlek **Ilbieraħ**; kieku kont dak li huma ta' żmieni, kont nista' nsejjaħlek **Illum**; kieku kont dak li jkunu ta' wrajja, kont nista' ntik l-isem ta' **Għada.**

Imm'Int m'intix Bidu li sebaq il-bqija minn Qabel xi Darba: li kieku kont **Qabel,** kont tkun tista' **Wara** tintrabat maż-Żmien li ssawwab minn Ħdanek bħax-xita mis-sħab.

Mel'Int Dak Li Int! Mel'Int Dejjem Inti! Mel'Inti ma kontx u anqas tkun: għax Int Dejjem Inti: Int Biss Dak Li Int!

U nqis dik id-**Dejjem** mhux b'għodod, b'qisien li għandhom miż-żmien: inqisha b'Qisienek li jilħqu lilhinn mill-bidu tal-bidu.

U lanqas dil-kelma ma nħossha taqdini: għax kelmti mhix Kelmtek li Biha sirt jien min jaf kemm eluf ta' snin ilu fi Ħsiebek minn qabel, sa qabel iż-Żmien!

Imm'Int tifhimni kif Bħalek jifhimni kull min bħali jrid Bik jemmen biex jifhmek xi ftit.

Għax Int Alla tiegħi: dak Alla kif ħassek Adam fl-ewwel jum; u kif semgħek wara Mosè fuq il-Għolja bħas-silġ tbajjad safi merfugħ fuq il-ġwienaħ ta' ħġejjeġ ta' dwal!

Għax Int Alla Veru: dak Alla kif b'għaqal ta' Anġlu, u b'versi mill-oħla, il-Fqajjar t'Assisi għanniek; u miegħu naqqxuk b'għodod għerfhom Wistin ta' Tagaste u Tumasu t'Aquino!

Għax Int Alla Ħaj: għalija dak Alla kif jafek min qalbu bħal mixtla susan, bħan-nida miġbur f'kus ta' warda, bħal talba bla hedu fis-sahra bejn erba' ħitan!

Għax Int Alla Wieħed: għalija dak Alla kif jagħarfek u jħobbok waqtiet minn Leħnek f'widnejh iħoss jidwi bis-saħħa ta' susa f'sieq mejda, ta' fomm vjola mbexxaq, ta' sifja li taqa' ħafifa bħar-rix!

Inħobbok għax nemmen! Daqskemm nemmen Bik, jien inħobbok, Mulejja. Waqtiet bħal inħossni niġġennen b'imħabbtek! U billi b'ħadd Għajrek ma nemmen, wisq drabi twemmin jisfali bħal għodda kontrik.

Għax Inti, tiġini quddiemi: fil-ferħ u fin-niket, fir-riżq u fil-għawġ, sew meta nintilef kemm meta nsib ruħi, Int biss, dejjem Inti fi ħsiebi, fi lsieni. Int tidrob u ddewwi; Int twaqqa' u Int tarfa'; Int tgħabbar il-kefef ta' qlubna b'li jkun.

Jien Miegħek bħal tfajjel ċkejkuni ma' ommu: isimha ġo qalbu u fuq fommu f'kull qatgħa li jieħu, f'kull biża' li jġarrab, fil-ħolm saħansitra li joħlom bil-lejl. Ma' għonqha jdawrilha dirgħajh meta hieni; ma' djulha jaqbdilha u jġebbed jekk mhux.

Agħdirni u aħfirli: stħajjilni tarbija. Agħdirni għax bħalha; aħfirli għax agħar. Ma ngħoddx, ħadd ma jgħodd kemm-il

darba tertaqtlek lil Qalbek bi dnubi. Ma nafx, ħadd ma jaf kemm-il darba jien indimt għax għaraft lil Min ħqart.

Lilek rgħext, Lilek ħqart bi dnubieti. Imm'Inti taf daqsi li ġismi ħabs ruħi, li laħmi ħabs dehni, li Nifsek ġo fija bħal warda ta' fwieħa mill-oħla midfuna ġo mintna ta' qżież.

U bħali taf li qalila mhux ftit it-taqbida li sejra l-ħin kollu bejn żewġ qawwiet qiel li wieħed jagħmluni u li jien—ruħ u ġisem: dal-ġisem ta' l-art li l-art tiġbdu, dal-ġisem tat-trab li fit-trab isib għaxqtu, dal-ġisem tal-ħmieġ li fil-ħmieġ donnu jżomm.

Ma rridx u miniex inlum Lilek: jekk ġismi lil ruħi jtaqqalli, Int b'Nifsek (jien naf) tħaffifhieli. U lanqas ma nista' u ma noħlom inlumeK: ħanin kont jekk tajtni mar-rieda l-ħelsien.

Il-magħlaq ta' ruħi ma nqastx b'dehni ddawwal bħal ftila li tixgħel imgħawma fiż-żejt: għax jien bħal musbieħ li biex igħix irid jixgħel—musbieħ mixgħul dejjem biż-żejt tar-Raġuni u l-ħjut li bħal ftejjel titkebbes mill-Qalb.

Jien naf li Quddiemek bħal wiċċ jirgħa f'mera: Mera Int fejn jitwaqqtu l-Imgħoddi u Li Ġej: jien naf li Quddiemek kulħadd ktieb miftuħ.

Jien naf li Int taf u li taqra fl-egħmejjel minn qabel twettiqhom; u dan bla ma ġġagħalhom iseħħu jew le: kif jien ma nteннix egħmil tajjeb jew faħxi li fih xħin niftakar inġed'du fi ħsiebi.

Xi ġmiel, Alla tiegħi, fil-Kobor ta' Għaqlek! Oh, x'kobor tal-għaġeb fil-Milja ta' Mħabbtek! Int kollox Imħabba: Imħabba Int Bla Tarf!

B'imħabbtek, f'Imħabbtek iżomm kullma hu: Imħabbtek il-qofol tas-sema u ta' l-art, tal-ħlejjaq li timxi, li ttir jew titkaxkar: Imħabbtek il-qofol tal-bniedem li ħlaqt!

Int xejn ma kont tambi għax xejn ma kien jonqsoK: Int Waħdek kont Kollox minn qabel il-Bidu: Int Tiegħek Innifsek il-Milja sax-Xfar!

Int ħlaqt għax ħabbejt! Minn jeddek sawwart kullma jsaltan mistur jew fid-dieher! Int stajt m'għamilt xejn minn dan kollu li nisslet Imħabbtek. Ma stajtx biss ma tħobbx bħal Alla ta' Mħabba w-Imħabba Int Innifsek bla qjies u bla kejl.

Imħabba! X'imħabba! Min jifhem Imħabbtek? Imħabbtek laħħmitek għall-bniedem li ħlaqt: sallbitek fil-Kelma Li xxejnet biex fdietu u qamet Waħedha minn ħdan il-mejtin!

4-23. V. 47. K. Vassallo.